# 30 Sena Banda

Rowland Bezzina
Assistent Segretarju / PRO

Il-Banda Marija Reġina din is-sena qed tiċċelebra t-30 anniversarju mit-twaqqif tagħha. Il-Banda Marija Reġina twaqqfet fl-1977, bl-ewwel surmast tagħha, li kien l-istess President Fundatur il-Mro. Michael Angelo Chircop. Il-Mro. M. A. Chircop waqt il-marċ ta' filgħodu fil-festa tagħna ra l-Kappillan Patri Valentin Calleja mar fuqu u qallu "Kappillan ngħaqdu banda tagħna" u l-kappillan wieġbu fil-pront bla ma qagħad jaħsibha "Ngħaqdu." Minn meta l-kappillan qallu dik l-*iva* beda jaħdem bis-sħiħ ħalli l-idea sabiħa li kellu jagħmila realtà. Għaqqad kumitat ta' ftit nies li bis-serjetà meddew għonqhom għax-xogħol meħtieġ.

Fl-ewwel laqgħa li saret nhar it-13 ta' Settembru, 1977, f'karma fis-sagristija tal-knisja ta' Marija Reġina nħatru tliet uffiċjali temporanji li kienu s-Sur Saviour Turner bħala president, is-Sur M.A. Chircop segretarju u bħala kaxxier is-Sur John Muscat. Wara li tlesta l-istatut għas-soċjetà tagħna sejħet l-ewwel seduta ġenerali, li saret fit-23 ta' Ottubru 1977. B'danakollu r-risposta li aħna stajna niġu nikkompetu bħala banda ma kienx qabel Ottubru ta' l-1979.

Għalkemm fl-akwata kien hemm influwenza minn baned diġà stabbiliti rnexxilhom iwaqqfu din is-soċjetà mużikali, u minn dakinhar il-festa tagħna setgħet tiġi onorata bil-Banda Marija Reġina. Qabel ma twaqqfet il-banda tagħna l-Kumitat Festi Esterni kien jitħabat ħafna għall-baned u kienu jitolbu flejjes kbar, għalhekk din il-banda kienet tant mistennija biex tqajjem il-briju fil-festa, speċjalment fil-marċ ta' filgħodu. Il-banda Marija Reġina ddebuttat f'Awissu ta' l-1980 u dakinhar irċeviet l-istandard u l-istrumenti.

Is-soċjetà kompliet tagħmel progress u fl-1983 seduta ġenerali ħatret president ġdid is-Sur Joseph Grech. Fl-1985 il-Banda Marija Reġina għamlet l-ewwel servizzi tagħha barra mill-parroċċa fejn kienet mistiedna ddoqq fil-festa tas-SS. Trinità u fil-festa tal-Karmnu l-Balluta. Din is-sena l-banda żanżnet ukoll l-innu l-kbir lil Marija Reġina mużika tal-Fundatur u Surmast Mro. M.A. Chircop u versi ta' Dun Frans Camilleri li nkitbu fis-sena 1980, dan il-programm vokali/mużikali sar ġol-knisja taħt il-patruċinju ta' l-E.T. tagħha Agatha Barbara, dakinhar il-knisja kienet imballata bin-nies biex jisimgħu l-banda tagħhom idoqq.

Fl-1988 il-banda ħatret lil Mro. Nazzareno Sammut bħala Surmast fejn flimkien mal-president komplew jarrikixxu l-istorja tas-soċjetà. Fl-2001 is-Sur Christopher

Spiteri ġie elett bħala president tas-soċjetà, li kompla l-ħidma li ħallew ta' qablu b'determinazzjoni kbira, mal-ħatra tiegħu l-president flimkien mal-kumitat ħassew il-ħtieġa li jkollna Surmast Direttur ġdid għalhekk fl-2001 ġie maħtur il-Mro. Mario Testa. Dan b'entużjażmu u qalb kbira flimkien mal-kumitat taw spinta lill-iskola mużikali u komplew iżidu l-mużika fl-arkivji tas-soċjetà. Fis-sena 2006 f'diffikultajiet imprevvisti ssejħet seduta ġenerali straordinarja fejn inħatar presidet is-Sur Barolomeo Muscat biex ikompli l-ħidma tas-Sur Spiteri, bla dubju għalkemm kienet sena iebsa l-esperjenza u s-serjetà tas-Sur Muscat għenet lil din is-soċjetà biex tkompli miexja. Din is-sena f'għeluq it-30 sena banda reġa' ngħaqad magħna, bħala president is-Sur Christopher Spiteri, għal sfidi ġodda biex inkomplu naħsbu għall-futur ta' din is-soċjetà.

Tul iż-żmien is-soċjetà kompliet tibni u tissoda sena wara sena, għaddew 30 sena u ta' dan nirringrazzja lill-fundatur u l-kumitati kollha sa mit-twaqqif ta' din il-banda, għaliex f'dan iż-żmien kollu, għalkemm hija banda żagħżugħa, għarfet taffaċċa diffikultajiet u qatt ma ġiet bżonn timpjega nies biex tgħaqqad il-banda. Sa mit-twaqqif tagħha l-banda ferrħet lill-poplu Marsi b'armonija mużikali u f'dan l-anniversarju ta' 30 sena se nkomplu nagħmlu l-istess. Iżda nenfasizza li biex ikollna futur iktar sempliċi jeħtieġ li jkollna aktar support. Il-festa t-tajba lil kulħadd.